# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 28/2017 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi illi ppremettiet:**

1. Illi l-kontendenti isseparaw personalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani nhar l-14 ta' Jannar, 2008;

2. Illi fost affarijiet oħra, f'dan il-kuntratt ta' separazzjoni personali il-kontendenti ftehmu illi r-residenza tal-minuri ĊĊ kellha tkun mal-esponenti u li l-konvenut għandu jkollu aċċess għall-imsemmi minuri. Dak iż-żmien il-kontendenti kienu jgħixu Għawdex.

Sussegwentament, l-esponenti talbet ill dina l-Onorabbli Qorti illi hija tiġi awtorizzata tgħix Malta u tirreġistra lill-minuri ĊĊ fi skola ġewwa Malta u dina l-Onorabbli Qorti b'digriet mogħti minnha nhar it-23 ta' Lulju, 2009 laqgħet it-talbiet tal-esponenti u pprovdiet bil-mod li jirriżulta minn dak id-digriet. Minn hemm il-konvenut beda battalja legali qalila kontra l-esponenti dwar il-jedd tiegħu ta' aċċess u dana bi proceduri mibdija minnu quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bir-rikors maħluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet BB v. AA li bħalissa għadhom pendenti;

3. Illi inoltre skont il-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, apparti illi kellu jħallas manteniment bir-rata ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar fl-ewwel ta' kull xahar bil-quddiem rappreżentanti l-kontribuzzjoni tiegħu għall-ispejjeż meħtieġa dwar il-minuri, liema rata ta' manteniment kellha tiżdied fl-ewwel ta' kull sena skont l-għoli tal-ħajja, il-konvenut kellu wkoll iħallas nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni;

4. Illi matul l-andament tal-kawża hawn fuq imsemmija u senjatament b'rikors ippreżentat mill-esponenti nhar l-14 ta' Settembru, 2014 hija kienet talbet illi tiġi awtorizzata li tibdel l-iskola tal-minuri ĊĊ minn St. Edward's College għal Chiswick House School. Il-konvenut ma kienx oġġezzjona iżda kien stqarr li huma ma għandux mezzi biżżejjed u talab li jinstemgħu il-provi dwar kemm huma l-ispejjeż involuti. Dan il-proċess s'intendi kien ser ifisser tul ta' żmien u illi l-minuri ĊĊ jitlef il-bidu tas-sena skolastika. Kien għalhekk li esponenti qablet li tiġi ppreżentata nota konġunta li biha tobbliga ruħha li tkun responsabbli waħedha għall-ispejjeż relatati ma' l-edukazzjoni, transport u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ġewwa Chiswick House School sakemm l-istess minuri jibqa' jattendi tali skola;

5. Illi fis-sena skolastika li għaddiet il-minuri ĊĊ kellu jibda l-"year 6" u dana mhux ġewwa l-iskola Chiswick House School iżda ġewwa St. Martin's College. Il-konvenut ma ffirmax id dokumentazzjoni meħtiega fir-rigward. L-esponenti ppreżentat rikors fl-atti tal-kawża hawn fuq imsemmija nhar l-14 ta' Ġunju, 2016 li permezz tiegħu talbet lill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tidderieġi lill-

konvenut sabiex, entru żmien qasir u perentorju, mogħti lilu għaldaqshekk jiffirma kull dokument meħtieg sabiex il-minuri ĊĊ jissokta fl-edukazzjoni tiegħu ġewwa St. Martin's College u f'każ illi l-konvenut ma jottemperax ruħu ma' tali ordni fiż-żmien mogħti lilu għaldaqshekk, tawtorizza lill-esponenti waħidha tiffirma l-istess dokumenti mingħajr il-ħtiega tal-firma tal-konvenut. Il-konvenut wieġeb illi l-esponenti għandha tħallas l-ispejjeż kollha. B'digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Lulju, 2016 dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-esponenti iżda ipprovdiet illi l-esponenti tħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni tal-minuri f'din l-iskola;

6. Illi tali digriet mhux biss imur oltre u huw*a ultra petito u extra petita* r-rikors illi ppreżentat l-esponenti iżda jmur oltre u huwa wkoll *ultra petita* u *extro petito* ir-rikors maħluf illi ppreżenta l-konvenut. Dana apparti l-fatt illi tali digriet huwa wkoll kunfliġġenti ma' dak pattwit mill-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni personali u jmur kontra l-obbligu legali u naturali li għandu kull missier;

7. Illi t-tentattiv għall-medjazzjoni ta' din il-kwistjoni da parti tal-esponenti falla billi l-konvenut ma attendiex u dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti tipproċedi b'kawża b'digriet mogħti minnha nhar l-14 ta' Novembru, 2017;

8. Illi l-esponenti għalhekk kellha tippreżenta dina l-kawża quddiem dina l-Onorabbli Qorti li kienet il-Qorti lili awtorizzat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi sabiex, fost affarijiet oħra, tikkontesta id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Lulju, 2016;

9. Illi l-esponenti taf il-fatti hawn dikjarati personalment.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tbiddel, tirriforma u tvarja d-digriet mogħti mill-Onorabbil Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Lulju, 2016 billi tħassru u

tirrevokah limitatament in kwantu dik il-Qorti ordnat lill esponenti tħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni tal-minuri f'St. Martin's College u tikkonfermah fil-bqija; u

2. Tikkonferma dak pattwit bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2008 awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti u b'mod parikolari in kwantu ġie maqbul u miftiehem illi l-konvenut għandu jħallas nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni tal-minuri ĊĊ; u

3. Konsegwentament tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat u ghandu jħallas is-sehem ta' nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni tal-minuri ĊĊ, tillikwida tali sehem ta' nofs mill-ispejjeż ta' edukazzjoni tal-minuri ĊĊ, inklużi l-arretrati u/jew kul ammont jew somma illek esponenti kellha toħroġ u tiżborża minflok il-konvenut u tikkundanna l-konvenut ihallas is somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' kwalunkwe mandat kawtelatorju ippreżentat mill-esponenti u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut BB illi eċċepixxa:**

1. Illi l-esponenti qatt ma ġie notifikat la bl-ittra ta' medjazzjoni u wisq anqas ġie notifikat bis-seduti li allegatament saru quddiem il-madjatriċi. Hemm lok għaldaqstant li dawn il-proċeduri jiġu dikjarati nulli billi l-proċess ta' medjazzjoni ma sarx skont il-liġi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, hemm in-nullità wkoll ta' dawn il-proċeduri billi d-digriet mogħti fil-kawża numru 302/2012/AL bejn l-istess partijiet ried jiġi attakkat mhux permezz tal-kawża odjerna iżda permezz tal-proċedura kif provdut fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12 stante li dik il-kawża għadha pendenti;

3. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fill-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

4. Illi b'din il-kawża l-attriċi qed tintenta tagħmel *forum shopping* biex ordni li ma kellhiex favur tagħha fil-kawża 302/2012/AL tipprova għall-istess għan iġġibha fix-xejn billi tikseb ordni kuntrarja b'din il-kawża minn din il-Qorti;

5. Illi l-Qorti li qed tisma' l-kawża numru 302/2012/AL bejn l-istess partijiet għandha s-setgħa li tagħti kull ordnijiet u li tieħu kull provvedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni fejn jidħlu l-interessi u l-ġid tal-ulied minuri anke jekk fil-kuntratt ta' separazzjoni jkun ġie miftiehem xort'oħra u rrispettivament minn x'kienu ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li kienu taw lok għall-kawża numru 302/2012/AL;

6. Illi kienet l-istess attriċi li għamlet it-talba lill-qorti li qed tisma' l-kawża numru 302/2012/AL biex tibdel l-iskola ta' fejn kien jattendi l-minuri u kienet hi wkoll li aċċettat li kwalsiasi spejjeż tagħmel tajjeb għalihom hi ad esklużjoni ta' żewġha irrispettivament minn dak li jistipula l-kuntratt ta' separazzjoni u dan sar permezz ta' dikjarazzjoni u obbligazzjoni li saret minnha stess fl-atti tal-istess kawza, liema dikjarazzjoni torbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi kuntratt ġudizzjali.

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi b'digriet tal-4 ta' Mejju 2018 din il-Qorti kif dakinhar preseduta ordnat li jiġu annessi l-atti tal-medjazzjoni numru 80/2017;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2022 il-konvenut iddikjara illi kien qiegħed jirtira l-ewwel eċċezzjoni;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti tal-kawża inkluż l-atti allegati;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti**

Il-partijiet iżżewwġu fl-1 ta' Lulju 2001 u minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri ĊĊ. Iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet spiċċa u b'kuntratt datat 14 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, il-partijiet ikkuntrattaw separazzjoni bejniethom.

Għal dak illi jolqot il-mertu tal-proċediment tal-lum u ċjoè l-kwistjoni tal-ispartizzjoni tal-ispejjeż ta' edukazzjoni tal-minuri, fil-kuntratt ta' separazzjoni supraċitat il-partijiet qablu u ftiehmu hekk:

*"Għal dak li jirrigwarda l-alimenti pagabbli dwar il-minuri qiegħed jiġi miftiehem li l-komparenti BB għandu jħallas lill-komparenti Nadia Camilleri s-somma ta' mitejn Euro (Eur 200) pari għal ħamsa u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm85.86) fl-ewwel ta' kull xahar bil-quddiem rappreżentanti l-kontribuzzjoni tiegħu għall-ispejjeż meħtieġa dwar il-minuri. Din ir-rata ta' manteniment għandha tiżdied fl-ewwel ta' kull sena skond l-għoli tal-ħajja. B'żieda ma' dan il-manteniment, huwa għandu wkoll iħallas nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward tat-tifel."*

Fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu wkoll qablu u ftiehmu li:

i) l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta;

ii) il-minuri jgħix mal-omm b'aċċess għall-missier skont kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni;

iii) deċiżjonijiet importanti dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri jittieħdu mill-ġenituri b'konsultazzjoni bejniethom.

Għaliex iċ-ċirkostanzi tal-ħajja jinbidlu, fil-5 ta' Ġunju 2009 l-attriċi ntavolat rikors fl-atti tal-medjazzjoni numru 27/2008 fejn wara li ppremettiet li hija kienet ser tibda f'impjieg bħala għalliema fil-Kulleġġ ta' St. Edwards ġewwa Malta, hija talbet lill-Qorti tawtorizzaha tikteb lil-binha sabiex jattendi fl-istess kulleġġ fejn kienet ser tgħallem hi.

Fir-risposta tiegħu il-konvenut kien esprima l-oġġezzjoni tiegħu għat-talbiet attriċi stante li din il-mossa kienet ser ixxekkel ulterjorment ir-relazzjoni bejn il-missier u ibnu.

B'digriet tat-23 ta' Lulju 2009 din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talbiet attriċi kif kontenuti fir-rikors tagħha tal-5 ta' Ġunju 2009 u waqt li awtorizzatha tirreġistra lill-minuri fl-iskola ta' St. Edward's awtroizzatha wkoll iżżomm lill-minuri jirrisejdi magħha ġewwa Malta. Permezz ta' dak id-digriet il-Qorti varjat il-ħinijiet tal-aċċess favur il-missier.

B'rikors ġuramentat bin-numru 302/12 tal-21 ta' Diċembru 2012 li qiegħed jinstema mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kif ippresjeduta mill-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, BB ppremetta li skont il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kellu ċerta ġranet u ħinijiet t'aċċess għall-minuri ibnu iżda illi konsegwenza tad-digriet tat-23 ta' Lulju 2009 din il-modalità t'aċċess kienet inbidlet. Fil-premessi numru 5 u 6 l-attur jgħid hekk:

"5. *Illi dik l-Onorabbli Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni ta' x'għandu jiġri fil-vaganzi tas-sajf, milied u festi pubbliċi u meta l-minuri ma jkollux skola, konsegwenza ta' liema l-intimata qed tieħu deċiżjonijiet unilaterali dwar dak li għandu x'jaqsam m'aċċess fl-imsemmija perjodi u l-esponenti qed jiġi ripetutament imċaħħad milli jara lill-ibnu **;*

6. *Illi għalhekk, l-esponenti xtaq li jirregola l-kura u l-kustodja u l-aċċess li hu għandu jkollu versu ibnu ** u biex jagħmel dan kollu ipprosegwa permezz ta' medjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;"*

L-attur kompla billi talab hekk:

"1. *Tordna li l-esponenti ikollu access għall-minuri bi ġranet u ħinijiet inkluż sleepover regolat favur l-esponent, taħt dawk il-modalitajiet li l-istess Qorti jogħġobha timponi fl-interess suprem tal-istess minuri;*

2. *Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri **, fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra extra-kurrikulari, kif ukoll okkażjonijiet ta' festi pubbliċi u avvenimenti fil-ħajja tal-minuri bħal l-ewwel tqarbina u l-Griżma u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti."*

B'rikors datat 3 ta' Settembru 2014 fl-atti tal-kawża bin-numru 302/12AL, l-attriċi odjerna talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tibdel l-iskola tal-

minuri u minflok jibqa' jattendi l-kulleġġ St. Edward's, jibda jattendi Chiswick House School.

B'risposta tat-22 ta' Settembru 2014 il-konvenut odjern wieġeb hekk:

*"ILLI għalkemm l-esponenti fil-prinċipju m'għandux oġġezzjoni li t-tifel jintbat f'din l-iskola pero iħoss li finanzjarjament dan mhux ser ikun possibbli għalih li iħallas; jirriżulta li skond il-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ffirmat mill-partijiet <u>l-kura u l-kustodja hija konġunta</u> u kull deċiżjoni ta' saħħa u edukazzjoni kellhom jittieħdu bi qbil u bejn tnejn; dan il-mekkaniżmu kien ġie konkordat sabiex kull parti tkun tista' tagħmel an informed decision qabel ma tikkommetti ruħha fuq spejjeż;*

...

*ILLI għalhekk qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tati provvediment l-esponenti iħoss li għandu ikollu informazzjoni ta' kemm ser tiswa l-ispiża kollha kull sena u kemm ser togħla l-istess spiża u jingħata figura ħolistika u għalhekk f'dan l-istadju jaqbel mat-tieni talba tar-rikors li dina l-Onorabbli Qorti jew l-perit legali nominat f'din il-kawża Dottor Gabriella Buttiġieg tisma lid-diriġenti tal-iskola Chiswick House School dwar l-ispejjeż involuti u s-salarju tal-intimata.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti jopponi għat-talbiet kolllha għajr għat-tieni talba."*

B'digriet tad-29 ta' Settembru 2014 il-Qorti ordnat "*illi l-perit legali tisma' lid-diriġenti ta' Chiswick House School sabiex jiġi stabbilit kemm ser tkun l-ispiża kollha jekk il-minuri jibda jattendi skola hemmhekk*" u ordnat ukoll illi l-partijiet jixhdu dwar is-salarji rispettivi tagħhom.

B'nota konġunta tal-10 ta' Novembru 2014 il-partijiet qablu u ftehmu illi:

*"binhom il-minuri ... mis-sena skolastika elfejn u erbatax (2014) mhux ser ikompli jattendi l-iskola St Edward's College ta' Triq il-Kottonera, Birgu iżda ser jibda jattendi l-iskola Chiswick House Scholl ta' Triq Antonio Schembri, Kappara.*

*AA qiegħda tobbliga ruħha li ser tkun esklussivament responsabbli għal kwalunkwe spejjeż relatati mal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extra*

*kurrikulari tal-minuri ġewwa Chiswick House Shool, sakemm l-istess minuri jibqa' jattendi din l-iskola."*

Fl-14 ta' Ġunju 2016 l-attriċi odjerna intavolat rikors ieħor fl-atti tal-kawża bin-numru 302/12AL fejn din id-darba talbet lill-Qorti tiffissa terminu entro liema l-attur f'dik il-kawża kellu jiffirma d-dokumenti tal-iskola tal-minuri u fin-nuqqas li l-missier jottempra ruħha tawtorizza lilha waħedha tiffirma d-dokumentazzjoni relattiva. Fir-rikors tagħha l-attriċi ppremettiet fost l-oħrajn:

*"Illi l-esponenti tħoss illi dan huwa abbuż: hija qegħda taġixxi fl-interess suprem tal-minuri li tieħu ħsieb li jsir progress minn sena skolastika għas-sena skolastika li jmiss u minflok ma ssib ko-operazzjoni imqar f'dan l-aspett da parti ta' l-attur, huwa japprofitta ruħu għal skopijiet finanzjarji proprji. L-esponenti tirrileva illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejniethom, li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "<u>Dokument NVX2</u>", b'żieda mal-manteniment pagabbli minnu, l-attur "**għandu wkoll iħallas nofs l-ispejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari fir-rigward tat-tifel**". Inoltre, fir-rikors maħluf promotur ta' dina l-istanza, l-attur ma talabx illi jiġi eżonerat minn tali obbligu jew li l-kuntratt ta' separazzjoni personali jiġi varjat f'dan ir-rigward;*

*Illi għalhekk kwalukwe oġġezzjoni da parti ta' l-attur ibbażata fuq l-allegata indiġenza tiegħu għandha tiġi imwarrba minn dina l-Obnorabbli Qorti għaliex (i) mhijiex fl-interess suprem tal-minuri għaliex il-kunsens tal-attur bħala ġenitur sabiex il-minuri ** jissokta fl-edukazzjoni tiegħu, ma għandux iservi ta' rikatt sabiex l-esponenti terfa' waħidha l-piż finanzjarju kollu ta' l-istess edukazzjoni; (ii) hija kontra l-istipulazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-kontendenti; u (iii) mhijiex mertu aġitat mill-attur f'dina l-kawża u għalhekk la tista' tkun kunsiderazzjoni jew mertu ta' deċiżjoni fiali u lanqas tista' tkun kunsiderazzjoni jew mertu ta' deċiżjoni pendente lite;"*

Flimkien mar-rikors tagħha l-attriċi ppreżentat dokument iffirmat minn Ms Bernie Mizzi fil-kapaċità tagħha ta' kap tal-iskola Chiswick House School u direttriċi ta' Chiswick House School u ta' St. Martin's College fejn din qiegħda tgħid hekk:

*"I would like to confirm that ** continuation in education is **<u>merely moving buildings and not schools</u>**."* (enfasi miżjuda)

Il-konvenut f'dawk il-proċeduri wieġeb illi:

*"mhux jopponi li l-minuri ** jkompli jattendi l-Year 6 ġewwa Chiswick school, propjament St martin's College; b'dana pero' li għandha tkun l-intimata AA li għandha tkompli tagħmel tajjeb għall-isġejjeż kollha relatati mal-istess skola, trasport u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ġewwa l-istess skola u dan kif del resto kienet diġa ddikjarat quddiem din l-Onorabbli Qorti, permezz tan-nota konġunta li din il-Qorti approvat."*

B'digriet tat-2 ta' Lulju 2016 il-Qorti laqgħet it-talba *"b'dan illi r-rikorrenti tħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni tal-minuri f'din l-iskola."*

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, stante illi din ġiet irtirta mill-konvenut, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Mill-provi jirriżulta li minnufih malli l-partijiet iffirmaw in-nota konġunta tal-10 ta' Novembru 2014 il-konvenut waqaf iħallas is-sehem tiegħu mill-ispejjeż ta' edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari li jattendi għalihom il-minuri ibnu.

Il-kontestazzjoni attriċi fil-kawża odjerna hija li hi ma tistax tibqa' tassorbi l-ispejjeż kollha relatati mal-edukazzjoni tal-minuri u li skont il-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut għandu l-obbligu li jħallas għas-sehem tiegħu minn tali spejjeż. Mill-banda l-oħra l-konvenut qiegħed jistrieħ fuq dak stipulat fin-nota konġunta fejn l-attriċi qablet li tagħmel tajjeb hi għall-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ġewwa Chiswick House School u sakemm jibqa' jattendi dik l-iskola.

Qabel tgħaddi sabiex tittratta l-mertu ta' din il-vertenza l-Qorti trid qabel xejn tittratta t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut fejn dan qiegħed jeċċepixxi:

*"Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, hemm in-nullita' wkoll ta' dawn il-proċeduri billi d-digriet mogħti fil-kawża numru 302/2012/AL bejn l-istess partijiet ried jiġi attakkat mhux permezz tal-kawża odjerna iżda permezz*

*tal-proċedura kif provdut fl-artikolu 229 tal-Kap 12 stante li dik il-kawża għadha pendenti;"*

L-attriċi targumenta li l-kawża bin-numru 302/12 hija limitata li tirregola l-aċċess tal-konvenut għall-minuri. Mill-banda l-oħra l-konvenut jargumenta li dik il-kawża hija fost l-oħrajn immirata sabiex il-Qorti tirregola l-attendenza tal-minuri għall-iskola. Jgħid għalhekk illi din it-talba tinkludi fiha wkoll deċiżjoni dwar l-ispejjeż tal-edukazzjoni. Konsegwentement jisħaq li l-attriċi kellha tattakka d-digriet tat-2 ta' Lulju 2016 ai termini tal-Artikolu 229 tal-Kap. 12 u mhux billi tintavola proċeduri ġodda quddiem din il-Qorti.

L-Artikolu 229 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

*229.(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dikis-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel matingħata s-sentenza definittiva:*

*(a) digriet dwar l-akkoljiment ta' talba għall-urġenza;*

*(b) dwar kull ordni jew direttiva skont il-provvedimentital-artikolu 173;*
*(ċ) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għat-tħollijatal-kawża għal data oħra skont l-artikolu 195(3);*

*(d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-artikolu 567;*

*(e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587;*

*(f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument lijkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4);*

*(g)dwar il-ħatra ta' perit skont l-artikolu 646;*

*(h)digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-artikolu793(1);*

*(i) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' digriet;*

*(j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta'dokument mill-atti ta' kawża;*

*(k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revokajew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu;*

*(l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjonispeċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5);*

*(m) dwar digriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-proċedimenti.*

*(2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):*

*(a) digriet li jiċħad il-ħatra ta' periti addizzjonali skont l-artikolu 674;*

*(b) digriet dwar it-trasferiment tas-smiegħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-artikolu 792;*

*(ċ) digriet li jiċħad is-sejħa ta' terza persuna f'kawża skont l-artikolu 961;*

*(d) digriet li ma jilqax talba għall-urġenza;*

*(e) digriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti;*

*(f) digriet li jordna li jinġieb dokument li jkun document privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4).*

*(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet,tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat*

*tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

L-ewwel parti tad-dispożizzjoni appena ċitata hija l-parti operattiva li biha jiskatta l-mekkaniżu proċedurali sabiex provvediment mogħti *pendente lite* jiġi appellat qabel is-sentenza finali. Biss, biex dan ikun permissibbli, irid jiġi aċċeratat li d-digriet attakkat la jiffigura taħt l-ewwel u lanqas taħt it-tieni sub-inċiżi tal-Artikolu 229.

Qabel ma wieħed jakkampa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 229(3), irid tabilħaqq jiġi determinat jekk id-digriet attakkat huwiex digriet eskluż bis-saħħa tas-subinċiżi wieħed u tnejn tal-Artikolu 229. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Mary sive Marielle Cassar vs Edward Cassar**, *"Dan is-sub-inciz huwa ta' natura residwali u japplika ghal kull "digriet interlokutorju iehor" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2."* Jekk jirriżulta li n-natura tad-digriet attakkat tiffigura taħt l-artikolu 229(1) jew (2), l-Artikolu 229(3) ma jkunx applikabbli. Għall-kuntrarju, jekk id-digriet attakkat ma jkunx elenkat fl-imsemmija subinċiżi, l-parti li trid tattakka digriet interlokutorju tista' ssib rifuġju taħt l-Artikolu 229(3) billi tottempra ruħha mal-proċedura u t-termini hemm stabilliti.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak illi ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **BB vs AA** ossia l-partijiet fil-kawża tal-lum. Dan l-appell kien jittratta appella interpost minn AA minn digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-kawża 302/12AL. Fid-digriet tagħha tat-3 t'Awwissu 2013 il-Qorti rregolat *pendente lite* il-kwistjoni tal-aċċess favur il-missier. Fis-6 ta' Settembru 2013 Camilleri ppreżenta rikors fl-atti tal-istess kawża fejn ilmenta li Vella ma kinitx qegħda tagħtih aċċess għall-minuri u talab għalhekk li l-Qorti ssib lil Vella ħatja ta' disprezz kontra l-awtorità tagħha. B'digriet tal-31 t'Ottubru 2018 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proċeduri ta' disprezz fil-konfront ta' Vella. Vella interponiet appell minn dan id-digriet. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt:

*"7. Id-digrieti li jissemmew f'subinċiżi (1) u (2) għandhom x'jaqsmu mal-andament ta' kawża. Il-qorti tifhem li subinċiż (3) japplika għall-istess tip ta'*

*digrieti, bħal per eżempju digriet dwar il-kwistjoni tal-lingwa*[1] *. Fis-sentenza* ***Paul Tanti et v. Sammy Mifsud*** *tad-19 ta' Novembru 2011, din il-Qorti qalet:*

*"Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell* ***minn digrieti mogħtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha****. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tiġi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2)".*

*8. Id-digriet li minnu sar appell m'għandu x'jaqsam xejn mat-tip ta' digriet li jissemmew fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12. Id-digriet li ngħata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hi ordni lir-Reġistratur sabiex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-intimata bl-akkuża tkun li ma obdietx id-digriet ta' dik il-qorti dwar l-aċċess tal-missieru għall-ibnu.*

*9. Għalhekk ifisser li l-Artikolu 229 (l-artikolu li proprju jirregola d-dritt ta' appell minn digrieti) jipprovdi dwar digrieti interlokutorji. Fil-fatt ġie kkonfermat diversi drabi mill-qrati tagħna li appelli minn digrieti li ma jirrigwardawx l-andament tal-proċeduri li fih jingħataw (bħal ma huma per ezempju digrieti provviżorji li jirregolaw is-sitwazzjoni fil-mertu sakemm tingħata s-sentenza finali) huma nulli*[2]*.*

---

[1] F'**Steve Caruana v. Lucy May Bailey** (Appell Superjuri 26.01.2018) ġie ritenut li digriet intiż biex jirregola l-kwistjoni tal-lingwa hu digriet interlokutorju u jaqa' taħt l-Artikolu 229(3).

[2] ara pereżempju:-

1. **Mary Cassar v. Edward Cassar** (Appell Superjuri 27.05.2016) – appell minn digriet mogħti f'proċeduri ta' separazzjoni personali fejn intlaqgħet it-talba tar-rikorrenti biex terġa tidħol fid-dar matrimonjali. Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li għalkemm id-digriet seta' jitqies bħala wieħed anċillari għall-ġudizzju **ma setax jitqies bħala wieħed ta' natura interlokutorja peress li mhux intiż biex jirregola l-andament tal-proċeduri li fih ingħata**. Għalhekk ikkonkludiet li ma jinkwadrax taħt l-Artikolu 229(3). (Irriteniet ukoll li wisq anqas ma jista' jiġi meqjus bħala digriet definittiv peress li minnu nnifsu hu ta' natura provviżorja intiż biex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-mertu bejn il-partijiet sakemm tingħata s-sentenza finali). Għalhekk iddikjarat li l-appell hu null.

*10. Fid-dawl tas-suespost, id-digriet mertu ta' dan l-appell ma jistax jitqies bħala wieħed ta' natura interlokutorja taħt l-Artikolu 229.*

*11. Fid-digriet l-ewwel Qorti qalet li:-*

*"….. jirriżulta* ***prima facie illi l-intimata kisret id-digriet tal-Qorti iddatat it-3 ta' Awwissu 2013*** *u hemm lok illi jinbdew proċeduri ta' disprezz fil-konfront tagħha u li t-talba tar-rikorrent kif dedotta hija ġustifikata u timmerita li tiġi akkolta".*

Id-digriet tal-14 ta' Settembru 2009 li l-attriċi qiegħda tattakka bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri huwa digriet li fin-natura tiegħu ċertament illi mhuwiex wieħed definittiv għaliex bih il-kwistjoni bejn il-partijiet mhijiex tingħalaq. Id-digriet lanqas mhuwa intiż illi jirregola l-proċeduri fil-kawża bin-numru 302/12 AL. Bħal fil-każ appena ċitat, id-digriet mertu ta' dawn il-proċeduri huwa wieħed li għalkemm anċillari għall-kwistjoni li hemm pendenti bejn il-partijiet, ma jinkwadrax taħt l-elenku ta' digrieti li l-leġislatur semma speċifikatament taħt l-Artikolu 229.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tqis it-tieni eċċezzjoni bħala mhix mistħoqqa.

Trattati l-eċċezzjonijiet preliminari l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tittratta l-mertu.

Meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet qablu u ftiehmu illi l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-minuri kellhom jitħallsu nofs bin-nofs bejniethom. Għalkemm il-konvenut xehed illi sakemm il-minuri kien għandu jattendi St. Edward's College huwa kien qiegħed iħallas is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relattivi, il-provi juru xort'oħra. Fl-atti ġew ippreżentati kopji ta' sentenzi mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fejn il-konvenut ġie diversi drabi kkundannat iħallas is-sehem tiegħu għall-ispejjeż tal-edukazzjoni u spejjeż oħra.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut jargumenta illi t-talbiet attriċi f'din il-kawża jifformaw il-mertu tal-kawża bin-numru 302/12AL u li għaldaqstant ikun għaqli li l-kwistjoni titħalla sabiex tiġi deċiża fil-kawża l-oħra li sal-lum tirriżulta għadha pendenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jeħtieġ jiġi stabbilit jekk dak illi qiegħed jintalab fil-qafas tal-kawża odjerna huwiex l-istess mertu li qiegħed jintalab jiġi deċiż fil-kawża bin-numru 320/12AL. Mingħajr eżitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tgħid illi l-mertu ta' dawn il-proċeduri ma jirfisx fuq il-mertu tal-kawża bin-numru 302/12AL. Minn qari tal-premessi u t-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat numru 302/12AL jidher ċar illi l-kwistjoni li l-attur f'dik il-kawża talab illi tiġi regolarizzata hija l-kwistjoni tal-aċċess tiegħu għall-minuri għaliex naturalment bil-fatt li l-minuri mar jgħix flimkien ma' ommu ġewwa Malta, l-aċċess tal-missier tħarbat u xxekkel. La fit-talbiet u lanqas fil-premessi tar-rikors ġuramentat tiegħu ma jirriżulta li l-attur f'dik il-kawża talab lill-Qorti tissindika l-kwistjoni tal-ispejjeż għall-edukazzjoni tal-minuri.

Il-kwistjoni kkumplikat ruħha meta l-attriċi intavolat rikors fl-atti tal-kawża numru 302/12AL fejn talbet l-awtorizzazzjoni ta' dik il-Qorti sabiex tibdel l-iskola ta' binha. Dan ir-rikors għalkemm jista' jingħad illi huwa anċillari għall-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet f'dik il-kawża, imur oltre l-mertu ta' dik il-vertenza. Minkejja dan il-Qorti kellha tiddekretah sabiex almenu tirregola l-kwistjoni *pendente lite*. Issa, il-kwistjoni kkomplikat ruħha ulterjorment meta fi kliem l-attriċi, "*fuq inizzjattiva tiegħi*" u minn jedda ffirmat nota konġunta li tirrifletti l-proposta tagħha stess li biha "*tobbliga ruħha li ser tkun **esklussivament responsabbli għal kwalunkwe spejjeż relatati mal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri ġewwa Chiswick House Shool, sakemm l-istess minuri jibqa' jattendi din l-iskola***."

Ma hemmx dubju li meta ffirmat din in-nota konġunta, li terġa' u tgħid saret fuq proposta u inizjattiva tal-attriċi f'din il-kawża, hija konsapevolement iddipartiet minn dak li kien pattwit fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Fid-dawl tal-kontenut tan-nota konġunta l-Qorti ġustament iddikjarat illi kienet ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors tal-attriċi f'dik il-kawża.

Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 2005 fejn ingħad hekk:

"*L-aspetti legali tal-kwestjoni nvoluta f' dan l-appell huma s-segwenti:-*

*(1) Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b' mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129. Ghaldaqstant il-varji disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura Civili in kwantu jikkoncernaw ir-rapprezentanza jew assistenza ta' avukat [ad exemplum Artikolu 688(3)] iservu u huma ntizi biex dak il-mandat jigi ezercitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju u biex ma jigix eccedut minghajr l-inkarigu specjali tal-klijent;*

*(2) Jitnissel minn dan illi l-verbal fuq riprodott sar mill-avukat li talbu fil-limiti ta' dan il-mandat u bil-beneplacitu ta' l-attur;*

*(3) Huwa maghruf ukoll illi verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi-kuntratt gudizzjali (Kollez. Vol. XXIX P I p 768; Vol. XXXVII P I p 99); (4) Li jfisser li "il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 7 minn 9 Qrati tal-Gustizzja controversia" (Kollez. Vol. XXVI P I p 225). Dan fuq il-bazi tal-massima "in judiciis quasi contrahitur";*

Għalkemm din il-ġurisprudenza tittratta l-verbal bħala kważi-kuntratt ġudizzjali, dan l-insenjament japplika wkoll għal nota konġunta li hija min-natura tagħha ftehim bejn il-partijiet intiż li jirregola kwistjoni speċifika.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Valletta Freight Services Limited (Malta Branch) vs KOSECP (Distribution & Business Services) Ltd** deċiża fis-27 ta' Marzu 2019 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fejn ingħad hekk:

*Dan hu akkordju li jorbot idejn lit-Tribunal u, kif ukoll debitament registrat fl-istess verbal ta' l-imsemmija udjenza, l-istess jikkwalifika, per eccellenza, bhala kwazi kuntratt gudizzjali bejn il-partijiet. Hu sew maghruf illi l-verbali jaghmlu fidi tal-kontenut taghhom u jorbtu lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjali. F'dan is-sens il-gurisprudenza hi abbundanti u wiehed jirreferi, fost diversi, ghall-gudikati in re **Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono** (Appell Civili, 13 ta' Marzu, 1953); **Direttur ta' l-Agrikoltura v. Remigio Galea** (Appell Civili, 30 ta' Marzu, 1987); **Geranzio u Lina Konjugi Bartolo v. Angelo Caruana** (Prim'Awla, 11 ta' Dicembru, 1992) u **Joseph Silvio v. Corinthia Palace Hotel Company Limited** (Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Ghalhekk, ghat-Tribunal, dak li johrog minn tali verbal huwa "an agreed fact" u cioè dak li fid-duttrina hu spjegat bhala "a fact that the parties to*

*a proceeding have agreed is not, for the purposes of the proceeding, to be disputed. If the agreed fact is stated in a written agreement which has been admitted in evidence or, with the leave of the court, is stated by a party before the court with the agreement of all the other parties, two consequences flow – without the leave of the court, evidence is not required to prove it, and evidence may not be adduced to contradict or qualify it." (cfr.* ***J. D. HEYDON****, "Cross on Evidence", 8 th Australian edition 2010; §3165, p. 216).*

Il-kontenut tan-nota konġunta jammonta għal kważi kuntratt ġudizzjali li jirrifletti r-rieda u l-intenzjoni tal-partijiet. Da parti tagħha l-attriċi qiegħda tressaq l-argument illi l-kontenut tan-nota kien limitat għall-ispejjeż edukattivi, dawk ta' trasport u dawk tal-attivitajiet extra-kurrikulari għaż-żmien li l-minuri kien jattendi Chiswick House School. Tgħid għalhekk illi ġaladarba l-minuri llum qiegħed jattendi St. Martin's College dak pattwit fin-nota konġunta m'għandux aktar jgħodd.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-intenzjoni tal-partijiet kif riflessa fin-nota konġunta. Huwa minnu li f'dik in-nota jingħad illi *AA qiegħda tobbliga ruħha li ser tkun esklussivament responsabbli għal kwalunkwe spejjeż relatati mal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri* *<u>ġewwa Chiswick House Shool, sakemm l-istess minuri jibqa' jattendi din l-iskola.</u>*

Mill-atti jirriżulta illi Chiswick House School hija skola primarja li tasal biss sal-ħames sena. Minn hemm l-istudenti ta' Chiswick House School ikomplu l-edukazzjoni tagħhom ġewwa St. Martin's College liema kulleġġ joffri edukazzjoni mis-sitt sena tal-primarja u jkompli sat-tlettax-il sena tal-edukazzjoni u ċjoè sal-livell t'edukazzjoni sekondarja. Hija l-attriċi stess illi fil-kontroeżami tagħha tikkonferma li t-transizzjoni minn skola għal oħra "*tiġi awtomatika*" anki jekk il-ġenituri tal-istudenti jkunu rikjesti jimlew xi formoli relattivi għal uliedhom.

Il-Qorti rat ukoll id-dokument iffirmat minn Ms Bernie Mizzi fil-kapaċità tagħha ta' kap tal-iskola Chiswick House School u direttriċi ta' Chiswick House School u ta' St. Martin's College fejn din qiegħda tikkonferma li Chiswick House School u St Martin's College huma skola waħda u li għalhekk, bit-transizzjoni minn skola għal oħra il-minuri qiegħed ***<u>merely moving buildings and not schools</u>***."

Il-Qorti tqis illi mhux ġustifikat li issa wara tant snin li ġiet iffirmata n-nota konġunta l-attriċi qiegħda tikkontesta l-fatt illi mhuwiex xieraq li hi

waħedha tkompli tassorbi l-ispejjeż kollha marbuta mal-edukazzjoni tal-minuri. Meta l-attriċi iskriviet lil binha f'din l-iskola partikolari hija għamlet dan sabiex binha jattendi l-istess skola li fiha kienet ser tibda taħdem hi stess bħala għalliema. Żgur għalhekk illi fil-mument li iskriviet lil binha f'din l-iskola l-attriċi kienet diġà taf ben tajjeb li Chiswick House School kienet tasal sa livell partikolari u li eventwalment il-minuri kien sejjer isegwi l-edukazzjoni tiegħu fi skola oħra li fl-aħħar mill-aħħar tifforma parti mill-istess kulleġġ. Għalhekk, lanqas ma huwa ġust li l-attriċi taggrappa mal-fatt li fin-nota konġunta ssemmiet biss Chiswick House School u mhux ukoll St. Martin's College.

Waqt illi l-Qorti tirribaxxi li l-ulied huma taż-żewġ ġenituri u li għalhekk iż-żewġ ġenituri għandhom jagħtu l-kontribut finanzjarju għat-trobbija ta' uliedhom, fl-istess waqt, abbażi tal-prinċipju kardinali tal-*pacta sunt servanda* u bl-applikazzjoni tal-prinċipju l-ieħor *in judicis quasi contrahitur*, il-Qorti tirritjeni fermament illi għandha idejha marbuta fis-sens illi jeħtieġ tiġi rispettata l-intenzjoni tal-partijiet kif espressa u riflessa fin-nota konġunta li serviet sabiex bi qbil bejn il-partijiet tbiddel u tvarja dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni. Huwa proprju dan illi għamlet ukoll il-Qorti fid-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju 2016 meta waqt illi laqgħet it-talbiet kif riflessi fir-rikors ta' AA tal-14 ta' Ġunju 2016 ordnat illi l-istess Vella tkompli tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-minuri.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti sejra tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni stante illi din ġiet irtirata fil-mori tal-proċediment;

2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni;

3. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet kollha;

4. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Tordna illi kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur